# Vuċijiet f'Azzjoni: L-Inklużjoni tal-Vuċijiet tal-Istudenti u tal-Familji tagħhom fil-Proċess Deċiżjonali Edukattiv

Rapport Sommarju Finali

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# VUĊIJIET F'AZZJONI

L-Inklużjoni tal-Vuċijiet tal-Istudenti u tal-Familji tagħhom fil-Proċess Deċiżjonali Edukattiv

Rapport Sommarju Finali

VOICES INTO ACTION

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma. L-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħha u mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' għotja operattiva fi ħdan il-programm edukattiv tal-Unjoni Ewropea (UE).

Ikkoffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kummissjoni Ewropea. La l-Unjoni Ewropea u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.

L-opinjonijiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjonijiet uffiċjali tal-Aġenzija, tal-pajjiżi membri tagħha jew tal-Kummissjoni Ewropea.

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2023**

Edituri: Anthoula Kefallinou u Diana Murdoch

Din il-pubblikazzjoni hija riżorsa ta' aċċess miftuħ. Dan ifisser li inti tista' taċċessaha, tużaha u tqassamha filwaqt li tagħti kreditu xieraq lill-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva. Jekk jogħġbok irreferi għall-Politika dwar l-Aċċess Miftuħ tal-Aġenzija għal aktar informazzjoni: **www.european-agency.org/open-access-policy**.

Inti tista' tikkwota din il-pubblikazzjoni kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2023. *Vuċijiet f'Azzjoni: L-Inklużjoni tal-Vuċijiet tal-Istudenti u tal-Familji tagħhom fil-Proċess Deċiżjonali Edukattiv – Rapport Sommarju Finali*. (A. Kefallinou u D. Murdoch, edituri). Odense, id-Danimarka

CC BY NC ND

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat skont **il-Liċenzja Internazzjonali Creative Commons Attribution-NonCommercial-NoDerivatives 4.0.** Ma tistax timmodifika jew tittraduċi din il-pubblikazzjoni mingħajr l-approvazzjoni tal-Aġenzija.

Bil-għan li tinkiseb aċċessibilità ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli f'25 lingwa u f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: **www.european-agency.org**

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta' dubju dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

ISBN: 978-87-7599-080-1 (Elettroniku)

**Segretarjat**
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C id-Danimarka
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

**Uffiċċju ta' Brussell**
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels il-Belġju
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

# Werrej


Introduzzjoni 5

Fażi 1: L-iżvilupp tal-Qafas VIA għal Parteċipazzjoni Siewja fl-Edukazzjoni Inklużiv 6

*Sejbiet ewlenin mill-analiżi tal-politika* 6
*Sejbiet ewlenin mill-analiżi tal-letteratura* 7

Fażi 2: It-tħaddim tal-Qafas VIA 10

Is-Sett ta' Għodod ta' Vuċijiet f'Azzjoni 12

Messaġġi ewlenin għal dawk li jfasslu l-politika 13

Kummenti finali 15

Referenzi 16






# Introduzzjoni

Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-familji fil-proċess deċiżjonali u l-iżvilupp tal-politika hija prijorità għall-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali. Madankollu, il-livell sa fejn l-istudenti u l-familji tagħhom jingħataw verament kunsiderazzjoni f'deċiżjonijiet importanti li jaffettwawhom għadu jvarja.

L-attività **Vuċijiet f'Azzjoni** (VIA), imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija), eżaminat kif il-vuċijiet tal-istudenti u l-familji tagħhom jistgħu jiġu involuti f'mod siewi fil-proċess deċiżjonali edukattiv. Dan kif f'rispons għal talbiet mill-membri tal-Bord Rappreżentattiv mill-pajjiżi tal-Aġenzija, u f'konformità mat-talbiet u l-inizjattivi internazzjonali għal parteċipazzjoni akbar ta' stakeholders interġenerazzjonali fil-proċess deċiżjonali edukattiv.

Il-VIA kellu żewġ għanijiet ewlenin:

- li jiġu stabbiliti l-isfond u r-raġunament għall-ħtieġa rikonoxxuta b'mod wiesa' li l-vuċijiet tal-istudenti u tal-familji jiġu involuti fil-proċess deċiżjonali;
- li jiġi identifikat kif dawk li jfasslu l-politika u stakeholders oħra jistgħu jissodisfaw din il-ħtieġa fil-prattika, f'pajjiżi differenti u kuntesti differenti.

Dawn l-għanijiet inkisbu f'żewġ fażijiet konsekuttivi. Fażi 1 kienet tikkonsisti minn analiżi tal-letteratura, analiżi tal-mod kif il-ħidma tal-Aġenzija fil-passat kienet tinvolvi l-vuċijiet tal-istudenti u tal-familji, u ġabra ta' eżempji rilevanti mill-pajjiżi. Fażi 2 kienet tinkludi ħidma fil-fond fi tliet pajjiżi (l-Iżlanda, Malta u n-Norveġja) biex jiġu identifikati u pprattikati modi effettivi kif wieħed jista' jinvolvi l-istudenti u l-familji.

Il-fażijiet 1 u 2 irriżultaw fl-outputs li ġejjin:

- **Analiżi tal-letteratura**, li tipprovdi l-isfond kunċettwali u empiriku tal-VIA (Aġenzija Ewropea, 2022a)
- **Rapport ta' sinteżi**, li jagħti d-dettalji tal-attivitajiet u s-sejbiet ewlenin kollha tal-VIA (Aġenzija Ewropea, 2022b)
- Is-**Sett ta' Għodod ta' Vuċijiet f'Azzjoni**, riżorsa prattika onlajn, li tipprovdi direzzjoni għall-azzjoni
- **Infografika**, li tillustra l-Qafas VIA għal Parteċipazzjoni Siewja fl-Edukazzjoni Inklużiva u l-messaġġi ewlenin tal-attività
- Vidjo, li jippreżenta l-vuċijiet ta' studenti, familji u dawk li jfasslu l-politika f'avveniment tal-VIA
- Dan ir-rapport finali, li jagħti fil-qosor il-metodoloġija u r-riżultati ewlenin tal-attività.

# Fażi 1: L-iżvilupp tal-Qafas VIA għal Parteċipazzjoni Siewja fl-Edukazzjoni Inklużiva

Fil-fażi 1 (2021), it-tim tal-Aġenzija analizza letteratura tal-politika u tar-riċerka akkademika sabiex jistabbilixxi bażi kunċettwali u empirika għall-VIA. It-tim ġabar u analizza wkoll eżempji tal-involviment attiv ta' studenti u familji fil-proċess deċiżjonali minn ħidma preċedenti tal-Aġenzija u minn 19-il **pajjiż membru tal-Aġenzija**.

Ir-riżultat ta' din il-ħidma huwa l-**analiżi tal-letteratura tal-VIA** (Aġenzija Ewropea, 2022a), li tipprovdi ġustifikazzjoni ffukata u evidenza ewlenija dwar modi siewja kif il-vuċijiet tal-istudenti u tal-familji jistgħu jiġu involuti fil-proċess deċiżjonali edukattiv.

Is-sejbiet tal-analiżi tal-politika u tal-letteratura jindikaw b'mod ċar rikonoxximent li qed jikber tal-importanza li l-vuċijiet tal-istudenti u tal-familji jiġu inklużi fil-proċess deċiżjonali edukattiv. Madankollu, hemm nuqqas ta' għarfien u ħiliet dwar kif dan jista' jinkiseb fil-prattika, f'kuntesti differenti u ma' stakeholders differenti.

> **Aħna dawk li nkunu attwalment fl-iskola; aħna għandna nkunu l-vuċijiet l-aktar importanti.**
>
> (Rappreżentant tal-istudenti, avveniment tal-VIA)

**Sejbiet ewlenin mill-analiżi tal-politika**

- Id-dritt tat-tfal li jinstemgħu u jiġu kkunsidrati fi kwistjonijiet li jaffettwawhom jestendi għat-tfal KOLLHA. Kienu meħtieġa 30 sena ta' ħidma politika ripetuta u prattiki skolastiċi biex wieħed jgħaddi mir-rikonoxximent tat-tfal bħala aġenti, għat-tgawdija effettiva tagħhom ta' dan id-dritt.

- Il-familji jridu jiġu kkonsultati, sakemm il-prinċipju tal-"aħjar interessi tat-tfal" jkun dejjem il-kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet finali.

- It-tfal għandhom id-dritt għal gwida u sostenn mill-organizzazzjonijiet, l-istituzzjonijiet u l-komunitajiet. Il-familji għandhom ukoll dan id-dritt fis-sodisfazzjon tad-doveri tagħhom lejn it-tfal.

- L-allinjament tal-politika u l-kollaborazzjoni fost l-istakeholders huma fundamentali biex jiġu żgurati d-drittijiet tat-tfal, tal-ġenituri u tal-familji.

- Il-pajjiżi għandhom jikkommettu ruħhom għas-sistematizzazzjoni u l-iżvilupp ta' proċessi effettivi għall-parteċipazzjoni u l-interazzjoni tal-istudenti u tal-familji f'sinerġija mal-istituzzjonijiet u l-istakeholders kollha fil-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw it-tfal.

**Sejbiet ewlenin mill-analiżi tal-letteratura**

- Għalkemm hemm korp sinifikanti ta' letteratura u dwar il-vuċi u l-ħtieġa għal għarfien tal-vuċi tal-istudenti fir-retorika edukattiva, id-distakk bejn ir-riċerka u l-prattika jippersisti.

- Nuqqas ta' approċċi etiċi huwa evidenti mill-iżbilanċi fil-poter, nuqqas ta' ċarezza fl-iskopijiet, il-metodi u r-riżultati, u l-marġinalizzazzjoni u t-tiskit ta' xi vuċijiet.

- Ir-riċerka ġeneralment tiffoka fuq l-involviment fil-livell ta' skola jew klassi, u inqas fuq l-involviment fil-proċess deċiżjonali fil-livell ta' politika.

- Il-letteratura tar-riċerka ma tesplorax sew il-parteċipazzjoni interġenerazzjonali jew l-involviment tal-komunità fl-edukazzjoni.

- Ir-riċerka mal-adulti u l-istudenti vulnerabbli għall-esklużjoni tkompli b'mod kompartimentalizzat, ibbażata fuq klassifikazzjonijiet u tikketti differenti.

- L-involviment attiv fir-riċerka parteċipatorja ta' diversi gruppi vulnerabbli għall-esklużjoni huwa limitat.

- Użu ikbar tar-riżorsi offruti minn teknoloġija assistiva u diġitali u minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili jistgħu jibdlu b'mod sinifikanti l-metodi ta' riċerka rigward il-vuċijiet.

Ħidma ulterjuri fil-fażi 1 wasslet għall-iżvilupp tal-Qafas VIA għal Parteċipazzjoni Siewja fl-Edukazzjoni Inklużiva. Il-qafas, illustrat fl-**infografika tal-VIA**, għandu erba' elementi essenzjali: **Spazji, Vuċi, Udjenza** u **Influwenza**. Dawn l-elementi ġejjin minn **mudell ta' parteċipazzjoni tat-tfal** żviluppat mill-Professura Laura Lundy ta' Queen's University Belfast (**Lundy, 2007**).

Il-Qafas VIA applika l-mudell ta' Lundy għall-kuntesti tal-edukazzjoni u estendih biex jinkludi l-familji, flimkien mat-tfal u ż-żgħażagħ. Dan bena wkoll fuq mudelli teoretiċi oħra għall-involviment tal-istudenti u tal-familji biex jinkludi kunsiderazzjonijiet etiċi usa' (eż. il-ħidma mill-**UNICEF, 2020**).

L-erba' elementi jaħdmu flimkien b'mod interattiv u iterattiv.



**Spazji** jinftiehem b'mod wiesa' bħala l-opportunità biex jiġu espressi fehmiet f'ambjent inklużiv u sigur.



**Vuċi** tfisser il-mod kif il-parteċipanti jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom. Dan huwa maħsub biex jiżgura li kulħadd jista' jesprimi fehmiet b'mod li huwa aċċessibbli, rilevanti, xieraq u siewi għal kull individwu jew grupp.



**Influwenza** tirreferi għall-mod kif il-fehmiet jiġu inkorporati fid-deċiżjonijiet u l-bidliet li jirriżultaw, li jippermetti l-parteċipazzjoni siewja.



**Udjenza** tinkludi r-rwol tas-semmiegħ fir-rapportar tal-fehmiet. Is-semmiegħa jridu jkunu f'pożizzjoni li jikkomunikaw il-fehmiet tal-oħrajn b'mod responsabbli.

Hemm **approċċ etiku** fl-aspetti kollha tal-qafas, biex titqajjem kuxjenza dwar u jiġu indirizzati kwistjonijiet bħall-kunsens, l-approvazzjoni, l-aċċessibilità, il-vulnerabbiltà, is-sikurezza, l-iżbilanċi tas-setgħat, il-preġudizzju u t-trasparenza.

# Il-Qafas VIA

**Joħolqu opportunitajiet sikuri u inklużivi biex jissawru u jiġu espressi l-vuċijiet**

- Inaqqsu l-preġudizzju fis-selezzjoni billi jiżguraw li l-gruppi marġinalizzati jiġu inklużi
- Jagħmlu użu mit-teknoloġija, l-approċċi interġenerazzjonali u l-ħidma komunitarja tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi
- Jagħtu attenzjoni lit-tħassib dwar l-aċċessibbiltà, l-aċċettazzjoni/kunsens, is-sikurezza, id-dritt li wieħed jesprimi l-fehma u d-dritt għal informazzjoni

**Jiffaċilitaw l-espressjoni libera tal-vuċijiet fil-mezz ta' għażla**

- Jiddiskutu suġġetti li huma siewja, rilevanti u ta' benefiċċju għall-individwu/grupp
- Jipprovdu materjal parteċipatorju aċċessibbli u sostenn xieraq għall-bini tal-kapaċità għal parteċipazzjoni
- Jagħtu attenzjoni lit-tħassib dwar il-vulnerabbiltà, id-data personali u d-dritt għal gwida mill-adulti




**Jaġixxu fuq il-vuċijiet**

- Jiżguraw ċarezza u trasparenza fuq il-mod kif tittieħed azzjoni fuq il-vuċijiet u l-impatti mistennija
- Jagħtu feedback xieraq lill-parteċipanti kollha u jinvolvu ruħhom fil-proċessi ta' evalwazzjoni
- Joqgħodu attenti għall-miżinterpretazzjoni potenzjali tal-vuċijiet u l-konsegwenzi mhux intenzjonati

**Jisimgħu b'responsabbiltà l-vuċijiet**

- Jħeġġu u japprezzaw il-kontribuzzjonijiet ta' perspettivi interġenerazzjonali u varjati
- Jaċċedu għal sostenn u mezzi xierqa biex jifhmu u jinterpretaw il-fehmiet espressi
- Jagħtu attenzjoni lill-iżbilanċi fil-poter u l-preġudizzju mhux konxju

**Figura 1: Il-Qafas VIA għal Parteċipazzjoni Siewja fl-Edukazzjoni Inklużiva: elementi u kunsiderazzjonijiet etiċi ewlenin**

## Fażi 2: It-tħaddim tal-Qafas VIA

Fil-fażi 2 (2022), rappreżentanti mill-Iżlanda, Malta u n-Norveġja ħadmu fi grupp żgħir, u involvew ruħhom f'attivitajiet interattivi bbażati fil-pajjiż mal-istudenti u l-familji. Il-Qafas VIA sawwar il-metodoloġija u serva bħala gwida prattika għal dawn l-attivitajiet.

L-involviment tal-pajjiżi kellu l-għan li:

- jelabora u jivvalida l-aspetti prattiċi tal-Qafas VIA, fir-rigward tal-elementi ewlenin ta' Spazji, Vuċi, Udjenza u Influwenza;
- jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-Sett ta' Għodod tal-VIA.

Kull pajjiż jagħżel is-suġġett tiegħu u l-mod l-iktar rilevanti kif jaħdem mal-istakeholders fil-livell nazzjonali jew lokali. It-tim tal-VIA ta sostenn lill-pajjiżi billi pprovda mistoqsijiet ta' riflessjoni meħuda mill-Qafas VIA biex jiggwidawhom matul kull stadju. Skont is-suġġett magħżul u l-parteċipanti, it-tim tal-VIA pprovda wkoll riżorsi prattiċi mmirati (jiġifieri għodod, linji gwida u metodoloġiji xierqa).

Wara diskussjonijiet inizjali fi grupp,kull pajjiż żviluppa u wettaq l-attività ppjanata tiegħu fil-kuntest nazzjonali tiegħu. It-tlieta li huma kellhom l-għan li jesploraw l-esperjenzi ta' parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-familji matul l-attivitajiet differenti ta' "eliċitazzjoni tal-vuċijiet", eż. mixjiet edukattivi, gruppi fokali, intervisti jew osservazzjonijiet.





**L-Iżlanda**
Mixjiet edukattivi u gruppi fokali mal-istudenti



**Malta**
Intervisti mal-familji
Attivitajiet mal-istudenti



**In-Norveġja**
Osservazzjonijiet
Stħarriġ tal-istudenti
Intervisti ma' dawk li jfasslu l-politika

**Figura 2: Attivitajiet fit-tliet pajjiżi**

Speċifikament, l-attivitajiet tal-Iżlanda kellhom l-għan li jevalwaw inizjattiva promettenti li twettqet preċedentement fi skola żgħira li għandha proporzjon għoli ta' studenti migranti. Malta evalwat l-implimentazzjoni ta' politika biex jiġu stabbiliti unitajiet għall-istudenti bl-awtiżmu fl-iskejjel mainstream, billi fittxet input minn studenti edukati f'dawn l-unitajiet u intervistat il-ġenituri tagħhom. In-Norveġja evalwat il-proċessi u l-istrutturi ta' konsultazzjoni fis-seħħ fil-livell nazzjonali ma' rappreżentanti tal-istudenti u dawk li jfasslu l-politika.

> **"Dawk minnha li jesperjenzaw id-diżabilità jitħallew barra b'mod evidenti mid-djalogu dwar il-ħajja tagħhom stess."**
>
> (**Cologon, 2020**, p. 2)

Minkejja l-varjazzjonijiet fl-għanijiet, l-ambiti u l-kuntesti ta' dawn l-attivitajiet ibbażati fil-pajjiżi, ħarġu **temi komuni** waqt id-diskussjonijiet u r-riflessjonijiet fi grupp, kollha relatati mal-ksib ta' parteċipazzjoni siewja:

- Irrispettivament mill-iskop għaliex wieħed ikun qed jisma', il-vuċijiet għandhom jiġu minn studenti/familji differenti, b'**identitajiet multipli u esperjenzi kumplessi** f'ambjenti differenti, aktar milli minn grupp omoġenju.
- Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil **fehmiet kuntrarji u konfliġġenti** li jeżistu bejn il-gruppi differenti ta' studenti/familji.
- Iqumu kwistjonijiet prattiċi u etiċi rigward l-**anonimità** u l-ksib ta' **kunsens jew approvazzjoni informata**, b'mod speċjali meta jiġu reklutati studenti b'tipi differenti ta' ħtiġijiet/kwistjonijiet ta' aċċessibilità.
- Jista' jkun li jittieħdu deċiżjonijiet u li jsiru bidliet "fil-pront", minħabba l imitazzjonijiet tal-ħin jew **avvenimenti mhux mistennija**. L-organizzazzjoni ta' laqgħat diretti tal-istudenti minn madwar il-pajjiż kollu jista' jieħu ħafna żmien u riżorsi u jeħtieġ ippjanar b'attenzjoni.
- **L-iskejjel u l-professjonisti tat-tagħlim** jistgħu jiffaċilitaw l-espressjoni tal-vuċijiet tal-istudenti u tal-familji.

- Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni siewja ta' dawk li huma **vulnerabbli, marġinalizzati** jew li l-vuċijiet tagħhom rarament jinstemgħu.

Dawn it-temi komuni vvalidaw aspetti ewlenin tal-Qafas VIA u l-**messaġġi ewlenin** tal-attività globali.

L-organizzar ta' attivitajiet parteċipatorji fil-kuntest tagħhom stess, bis-sostenn tal-Aġenzija, wassal lill-pajjiżi biex jaħsbu dwar il-proċess f'**mod iktar sistematiku u riflettiv**, b'attenzjoni ċara għal kwistjonijiet etiċi u ingaġġ magħhom fl-istadji kollha tal-attivitajiet.

L-applikazzjoni ta' aspetti differenti tal-qafas għenet lill-pajjiżi jaħsbu b'mod differenti dwar il-parteċipazzjoni. Kif innota r-rappreżentant ta' Malta:

> **"Jista' jkun li jkollok xi riservazzjonijiet u forsi taħseb li din hija tassew sfida – iżda permezz tal-ippjanar u anke xi azzjonijiet alternattivi, inti tirrealizza li TISTA' fil-fatt tisma' lil dawk il-vuċijiet."**
>
> (Membru tal-Bord Rappreżentattiv ta' Malta)

Ir-**rapport ta' sinteżi** (Aġenzija Ewropea, 2022b) fih xi dettalji dwar il-ħidma tal-pajjiżi. Dan jista' jkun ta' interess partikolari għall-pajjiżi li għandhom l-għan li jippromwovu parteċipazzjoni siewja.

# Is-Sett ta' Għodod ta' Vuċijiet f'Azzjoni

Mat-tlestija tal-ħidma tal-pajjiżi, is-sejbiet kollha, il-messaġġi ewlenin, il-materjali prattiċi u r-riżorsi miż-żewġ fażijiet tal-VIA ngabru flimkien f'sett ta' għodod onlajn b'aċċess miftuħ. Is-**Sett ta' Għodod ta' Vuċijiet f'Azzjoni** jipprovdi approċċi prattiċi għall-kollaborazzjoni mal-istudenti u l-familji. Dan jindika kif wieħed għandu jieħu azzjoni fuq u jinkorpora tassew il-vuċijiet tagħhom fil-proċess deċiżjonali. Dan fih eżempji mill-pajjiżi membri tal-Aġenzija u links għall-attivitajiet u l-outputs rilevanti tal-Aġenzija, kif ukoll riċerka ewlenija, politika u inizjattivi minn organizzazzjonijiet differenti internazzjonali.

Is-sett ta' għodod huwa riżorsa dinamika maħsuba biex tappoġġja stakeholders differenti fil-livelli kollha tas-sistema tal-edukazzjoni biex isiru aġenti tal-bidla fl-iskejjel, il-komunitajiet, ir-reġjuni u l-pajjiżi tagħhom. Dawn l-istakeholders jistgħu jinkludu:

- Studenti, familji, prattikanti u riċerkaturi
- Mexxejja tal-iskola u tal-komunità lokali
- Korpi reġjonali u muniċipali
- Organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ
- Dawk li jfasslu l-politika nazzjonali.

Il-pajjiżi tal-aġenzija huwa ħielsa li jkomplu jtellgħu eżempji ta' parteċipazzjoni siewja mill-kuntesti tagħhom stess.

Is-sett ta' għodod ġie mniedi f'avveniment tal-VIA f'Belgrad, is-Serbja, f'Mejju 2023. Attendew iktar minn 80 persuna li kienu jinkludu dawk li jfasslu l-politika, studenti u rappreżentanti tal-familji mill-pajjiżi membri tal-Aġenzija. Ġiet ippreżentata ħarsa ġenerali tal-attività tal-VIA u l-parteċipanti ħadu sehem f'attivitajiet interattivi fejn iddiskutew kwistjonijiet u sfidi dwar kif tista' tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni siewja. Ġie prodott vidjo waqt l-avveniment, li jinkorpora l-vuċijiet ta' adulti u studenti qed jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fl-attività tal-VIA.



**Figura 3: Preżentazzjoni konġunta minn student u persuna li tfassal il-politika waqt l-avveniment tal-VIA**

## Messaġġi ewlenin għal dawk li jfasslu l-politika

L-evidenza mill-VIA turi li filwaqt li l-parteċipazzjoni tal-istudenti u l-familji fil-proċessi deċiżjonali hija kwistjoni urġenti fuq l-aġendi ta' dawk li jfasslu l-politika edukattiva, il-politiki għadhom ma' ġewx ittrasformati fi prattika. Sabiex tiġi effettwata bidla sostenibbli, **dawk li jfasslu l-politika jridu jiftħu djalogu** biex jiżguraw li l-vuċijiet tal-istudenti u tal-familji jkunu parti mill-proċess tal-bidla.

L-attività tal-VIA identifikat **tmien messaġġi ewlenin** li jippermettu l-parteċipazzjoni siewja tal-istudenti u l-familji. Għalkemm il-messaġġi huma mmirati lejn dawk li jfasslu l-politika u professjonisti u organizzazzjonijiet oħra f'pożizzjonijiet ta' setgħa, dawn jistgħu jservu bħala referenza għall-istakeholders kollha tal-edukazzjoni.

**1. Sistematizzazzjoni tal-proċessi għall-parteċipazzjoni siewja tal-istudenti u l-familji fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali/tal-komunità**

Il-politiki relatati mad-drittijiet tal-istudenti u tal-familji għandhom jindikaw proċessi ċari għall-implimentazzjoni tul is-sistema tal-edukazzjoni, żviluppati permezz ta' kollaborazzjoni transettorjali. Matul dan kollu, huwa importanti li jiġi rikonoxxut ir-rwol li l-familji għandhom biex isostnu u jgħinu biex il-vuċijiet tal-istudenti jiġu mismugħin u inklużi fil-proċessi deċiżjonali.

**2. Żieda tal-parteċipazzjoni fit-tiswir tal-leġiżlazzjoni u l-politika**

Il-parteċipazzjoni tal-istudenti u l-familji fil-livell tal-politika għandu jkun ġenwin u mhux biss simboliku. Dan għandu jinkludi b'mod attiv gruppi u individwi li qabel ma setgħux jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet fil-livell ta' politika li jistgħu jaffettwawhom, lill-pari tagħhom, lill-iskejjel u lill-komunitajiet tagħhom.

**3. L-użu ta' approċċi etiċi fl-istadji kollha ta' parteċipazzjoni**

L-approċċi etiċi japplikaw għal kwistjonijiet ta' kunsens, sikurezza u privatezza tal-parteċipanti. Dawn iqisu kif il-vuċijiet jinkisbu, jiġu rreġistrati, irrapportati u applikati, jekk dawn l-approċċi jibbenefikawx lill-istudenti u/jew lill-familji u kemm l-informazzjoni tiġi trasferita b'mod miftuħ. B'mod importanti, hemm il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-iżbilanċi tas-setgħat fil-parteċipazzjoni.

**4. L-identifikazzjoni u l-inklużjoni ta' vuċijiet marġinalizzati, mhux mismugħin u msikkta**

Dawk li jfasslu l-politika għandhom jikkollaboraw ma' skejjel u komunitajiet biex jidentifikaw u jinkludu l-vuċijiet ta' dawk fi gruppi marġinalizzati. Dawn għandhom jirrikonoxxu l-interdipendenza bejn iż-żgħażagħ u l-adulti u jagħrfu r-rwol li l-familji għandhom fl-iżvilupp u l-affermazzjoni tal-vuċijiet tal-istudenti fi kwistjonijiet edukattivi.

**5. L-għarfien tal-kumplessitajiet ta' gruppi differenti u identitajiet li jikkonverġu**

L-istakeholders kollha għandhom jiftakru li l-gruppi fihom individwi uniċi. Huwa essenzjali li wieħed iqis li l-istudenti u l-familji jistgħu jkollhom diversi identitajiet u kuntesti li jinteraġixxu u jsawru l-perspettivi tagħhom. L-istudenti jew il-familji li jaqsmu karatteristiċi jew "tikketti" xorta għandhom l-esperjenzi u l-vuċijiet tagħhom stess. Dan l-approċċ se jwassal għal bidliet li jibbenefikaw l-istudenti u l-familji kollha.

**6. L-użu ta' firxa wiesgħa ta' mudelli, approċċi u riżorsi li jippermettu lil kulħadd jipparteċipa b'mod siewi**

Sabiex jiġu akkomodati d-diversità ta' studenti u familji, huwa importanti li wieħed juża firxa ta' riżorsi u jiżgura ekwità f'kull stadju. L-organizzaturi tal-programmi u dawk li jfasslu l-politika jistgħu jirreferu għal mudelli kunċettwali differenti biex ifasslu attivitajiet parteċipatorji fil-politika u l-prattika. Dawn il-mudelli ħafna drabi jinkludu punti għal riflessjoni u diskussjoni u kunsiderazzjonijiet u gwida prattiċi. It-teknoloġija toffri flessibbiltà għas-sostenn ta' parteċipazzjoni siewja f'modi differenti.

**7. Il-bini tal-kapaċità għal parteċipazzjoni siewja u smigħ attiv**

L-istakeholders f'pożizzjonijiet ta' tmexxija għandhom responsabbiltà mhux biss biex jiffaċilitaw l-opportunitajiet għal parteċipazzjoni siewja fil-livelli kollha, iżda wkoll biex jibnu l-kapaċità għall-parteċipazzjoni tal-istudenti u l-familji. Huwa vitali li jingħata sostenn xieraq lill-istudenti u l-familji biex jiżviluppaw l-għarfien,il-ħiliet u l-fehim meħtieġa għall-parteċipazzjoni.

**8. It-trawwim ta' relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili**

Il-gruppi ta' rappreżentanza, l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali huma importanti biex iżidu l-għarfien dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet ta' gruppi minsija. Dawn l-organizzazzjonijiet ħafna drabi jwettqu riċerka dwar dawn il-kwistjonijiet u jipproduċu riżorsi prattiċi u aċċessibbli dwar il-vuċijiet u l-parteċipazzjoni. Dawn ir-riżorsi, li uħud minnhom huma fis-**Sett ta' Għodod tal-VIA**, jistgħu jiġu applikati għall-proċess deċiżjonali u t-tfassil tal-politika dwar l-edukazzjoni inklużiva. Il-benefiċċji possibbli tal-iżvilupp ta' sinerġiji u modi ta' ħidma ma' dawn l-atturi huma kunsiderazzjoni importanti għal dawk li jfasslu l-politika.

# Kummenti finali

L-attività tal-VIA pprovdiet evidenza dwar uħud mill-modi kif it-tfassil ta' politika parteċipatorju fl-edukazzjoni jista' jkun siewi u sostenibbli. Din ipproponiet il-Qafas VIA għal Parteċipazzjoni Siewja fl-Edukazzjoni Inklużiva, li jinkludi s-Sett ta' għodod tal-VIA, bħala għodda ta' riflessjoni li tippermetti l-istakeholders jindirizzaw l-isfidi u l-ostakli għall-parteċipazzjoni fil-proċessi deċiżjonali.

Il-VIA enfasizza l-importanza ta' **approċċi interġenerazzjonali**, fejn l-istudenti, il-familji u dawk li jfasslu l-politika tal-edukazzjoni fil-livelli kollha jaħdmu flimkien. Dan jissuġġerixxi **approċċ ta' politika dixxendenti, sostnut minn inizjattivi axxendenti** fil-livelli lokali u tal-iskola, bħala mod kif wieħed jimxi 'l quddiem.

Dan l-approċċ kombinat joffri mezz biex jiżdied l-għarfien dwar il-vuċijiet marġinalizzati u siekta u jiffaċilita l-parteċipazzjoni iktar attiva tagħhom. Fl-istess ħin, dan jipproponi mod iktar demokratiku u dirett għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika, billi dawk li jfasslu l-politika jkunu involuti f'attivitajiet interattivi orjentati lejn il-vuċijiet mal-istudenti u l-familji fil-livell lokali.

Wieħed jittama li l-attività tal-VIA u l-messaġġi ewlenin tagħha għall-involviment iktar sistematiku tal-istudenti u l-familji fil-proċess deċiżjonali edukattiv, jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kultura vera fejn dawn il-vuċijiet jinstemgħu u tittieħed azzjoni fuqhom.

# Referenzi


Cologon, K., 2020. 'Is inclusive education really for everyone? Family stories of children and young people labelled with "severe and multiple" or "profound" "disabilities"' [L-edukazzjoni inkluživa hija verament għal kulħadd? Stejjer ta' familji dwar tfal u żgħażagħ ittikkettati li għandhom "diżabilitajiet" "severi u multipli" jew "profondi"] *Research Papers in Education*, 37 (3), 395–417

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inkluživa, 2022a. *Voices into Action – The Voices of Learners and their Families in Educational Decision-Making: Literature Review [Vuċijiet f'Azzjoni – L-Inklużjoni tal-Vuċijiet tal-Istudenti u tal-Familji tagħhom fil-Proċess Deċiżjonali Edukattiv: Analiżi tal-Letteratura]*. (D.C. Murdoch, A. Mangiaracina u A. Kefallinou, edituri). Odense, id-Danimarka

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inkluživa, 2022b. *Voices into Action: Promoting learner and family participation in educational decision-making [Vuċijiet f'Azzjoni – Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-istudenti u l-familji fil-proċess deċiżjonali edukattiv]*. (A. Kefallinou, D.C. Murdoch, A. Mangiaracina u S. Symeonidou, edituri). Odense, id-Danimarka

Lundy, L., 2007. '"Voice" is not enough: Conceptualising Article 12 of the United Nations Convention on the Rights of the Child' [Il-"Vuċi" mhux biżżejjed: Kunċettwalizzazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal] *British Educational Research Journal*, 33 (6), 927–942

UNICEF, 2020. *Engaged and Heard! Guidelines on Adolescent Participation and Civic Engagement [Involuti u Mismugħin! Linji Gwida dwar il-Parteċipazzjoni tal-Adolexxenti u l-Ingaġġ Ċiviku]*. New York: UNICEF






Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
id-Danimarka
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
il-Belġju
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

www.european-agency.org

MT